

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Apelativen sad – Varna (il-Bulgarija) fis-26 ta' Novembru 2019 – Proċeduri kriminali kontra TS**(Kawża C-863/19)**

(2020/C 68/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru***Qorti tar-rinviju**

Apelativen sad – Varna

Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali

TS

Domandi preliminari

- 1) Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzji strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 127, p. 39, rettifika fil-ĠU 2014, L 138, p. 114) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea japplikaw fir-rigward ta' reat kriminali, li jikkonsisti fil-pussess ta' sustanzi narkotiċi bil-għan li jiġu ttraffikati, imwettaq minn ċittadin Bulgaru fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, meta l-eventwali rikavat ekonomiku wkoll ikun iġġenerat u jkun jinsab fir-Repubblika tal-Bulgarija?
- 2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, kif għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' "vantaġġ ekonomiku li jirriżulta indirettament minn reat kriminali", li jinsab fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/42? Somma flus, li tkun instabet fi u li tkun ġiet ikkonfiskata mir-residenza tal-persuna kkundannata u tal-familja tagħha, kif ukoll minn vettura bil-mutur użata minnu, tista' tikkostitwixxi tali vantaġġ ekonomiku?
- 3) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni legali, bħall-Artikolu 53(2) tan-Nakazatelen Kodeks (il-Kodiċi Kriminali) tar-Repubblika tal-Bulgarija, li ma tipprevedix is-sekwestru ta' "vantaġġ ekonomiku li jirriżulta indirettament minn reat kriminali"?
- 4) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni legali nazzjonali, bħall-punt 1 tal-Artikolu 306(1) tan-Nakazatelen-protsesualen Kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali) tar-Repubblika tal-Bulgarija, li tippermetti s-sekwestru favur l-Istat ta' somma flus li fir-rigward tagħha jiġi allegat li tappartjeni lil terz, li ma jkunx il-persuna li wettqet ir-reat kriminali, mingħajr il-possibbiltà għal dan it-terz li jitqies bħala parti fil-proċedura u mingħajr il-possibbiltà li jiġi żgurat aċċess dirett għall-ġustizzja għal dan it-terz?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (il-Ġermanja) fis-26 ta' Novembru 2019 – NH vs Deutsche Lufthansa AG**(Kawża C-864/19)**

(2020/C 68/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Qorti tar-rinviju**

Landgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: NH

Konvenuta: Deutsche Lufthansa AG

Il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Jannar 2020.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Krajský soud v Brně (ir-Repubblika Ċeka) fl-4 ta' Diċembru 2019 – Tesco Stores ČR a.s. vs Ministerstvo zemědělství

(Kawża C-881/19)

(2020/C 68/36)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Krajský soud v Brně

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tesco Stores ČR a.s.

Konvenut: Ministerstvo zemědělství

Domanda preliminari

Ir-regola li tinsab fil-punt 2(a) tal-Parti E tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 ⁽¹⁾ għandha tiġi interpretata fis-sens li, fir-rigward ta' prodott tal-ikel, iddestinat għall-konsumatur finali fir-Repubblika Ċeka, ingredjent kompost inkluż fil-punt 2(c) tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2000 rigward il-prodotti mill-kawkaw u miċ-ċikkulata maħsuba għall-konsum mill-bniedem ⁽²⁾, kif emendata sussegwentement, jista' jiġi inkluż biss fil-lista ta' ingredjenti tal-prodott mingħajr indikazzjoni ddettaljata tal-kompożizzjoni tiegħu meta dan l-ingredjent kompost jtinizzel fl-ittikkettjar eżattament kif previst fil-verżjoni lingwistika Ċeka tal-Anness I tad-Direttiva 2000/36/KE?

⁽¹⁾ ĠU 2011, L 304, p. 18, rettifikati fil-ĠU 2016, L 266, p. 7, fil-ĠU 2014, L 331, p. 40

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 431
